



Brussell, 6 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10047/26

LIMITE

CORLX 574
CFSP/PESC 841
CONOP 33
COTER 85
CONUN 100

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom lil atturi mhux Statali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**b'appoġġ għall-implimentazzjoni
tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva
u l-mezzi ta' twassil tagħhom lil atturi mhux Statali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri li jeħtieġ li jittieħdu kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'pajjiżi terzi biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni.
- (2) Fit-28 ta' April 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) adotta r-Riżoluzzjoni 1540 (2004) (il-"UNSCR 1540 (2004)"), li kienet l-ewwel strument internazzjonali biex jiġu ttrattati b'mod integrat u komprensiv l-armi ta' qerda massiva, il-mezzi ta' twassil tagħhom u l-materjal relatat. Il-UNSCR 1540 (2004) stabbilixxiet obbligi vinkolanti għall-Istati kollha, li kellhom l-għan li jimpedixxu u jiskoraġġixxu lill-atturi mhux Stati milli jaċċedu għal tali armi u materjal relatat mal-armi. Stiednet ukoll lill-Istati jippreżentaw rapport lill-kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit bir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) (il-"Kumitat 1540") dwar il-passi li ħadu jew li biħsiebhom jieħdu biex jimplimentaw il-UNSCR 1540 (2004).
- (3) Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1673 (2006) u ddeċieda li l-Kumitat 1540 kellu jintensifika l-isforzi tiegħu biex jipromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1540 (2004) permezz ta' programmi ta' ħidma, ħidma biex jintlaħqu n-nies, assistenza, djalogu u kooperazzjoni. Huwa stieden ukoll lill-Kumitat 1540 jesplora mal-Istati u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali l-possibbiltà ta' kondivizzjoni tal-esperjenzi u l-lezzjonijiet meħuda, u d-disponibbiltà ta' programmi li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004).

- (4) Fl-20 ta' April 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1977 (2011) u ddeċieda li jestendi l-mandat tal-Kumitat 1540 għal perjodu ta' 10 snin sal-25 ta' April 2021. Huwa ddeċieda wkoll li l-Kumitat 1540 kellu jintensifika l-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1540 (2004) mill-Istati kollha; jimpenja ruħu attivament biex l-offerti ta' assistenza jikkorrispondu mad-domandi għaliha, permezz ta' mezzi bħaż-żjarat, fuq stedina tal-Istat ikkonċernat, mudelli ta' assistenza, pjanijiet ta' azzjoni jew informazzjoni oħra preżentata lill-Kumitat 1540; u jwettaq rieżami komprensiv dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004) qabel Diċembru 2016.
- (5) Fil-15 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta b'mod unanimu r-Riżoluzzjoni 2325 (2016) u b'hekk approva l-eżitu tal-proċess ta' rieżami komprensiv tal-UNSCR 1540 (2004) li twettaq matul l-2016. Huwa stieden lill-Istati kollha jsaħħu l-miżuri nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004) u appella għal aktar assistenza għall-bini tal-kapaċità tal-Istat f'dak ir-rigward, inkluż permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji, kif ukoll għal kooperazzjoni akbar fost il-partijiet ikkonċernati, is-soċjetà ċivili u d-dinja akkademika.
- (6) Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 2663 (2022), u ddeċieda li jestendi l-mandat tal-Kumitat 1540 għal perjodu ta' 10 snin sat-30 ta' Novembru 2032.

- (7) L-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004), li mill-2006 għet mgħoddija permezz tal-implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Konġunti tal-Kunsill 2006/419/PESK¹ u 2008/368/PESK² u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/391/PESK³, (PESK) 2017/809⁴ u (PESK) 2023/654⁵, ikkontribwixxa biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' Stati li ma rrappurtawx u l-għadd ta' Stati li ma ppreżentawx informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Kumitat 1540 wara li ppreżentaw rapporti mhux kompluti. Madankollu, b'kont meħud li għad hemm hteġa għal appoġġ kontinwu għall-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004), jenħtieġ li l-Unjoni tadotta din id-Deċiżjoni, li ser tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dik ir-Riżoluzzjoni.

-
- ¹ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/419/PESK tat-12 ta' Ġunju 2006 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1540 (2004) tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 165, 17.6.2006, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2006/419/oj).
- ² L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK tal-14 ta' Mejju 2008 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 127, 15.5.2008, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/368/oj).
- ³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni Prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/391/oj>).
- ⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/809 tal-11 ta' Mejju 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 121, 12.5.2017, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/809/oj>).
- ⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/654 tal-20 ta' Marzu 2023 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 81, 21.3.2023, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/654/oj>).

- (8) Jenħtieġ li l-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), li huwa responsabbli għall-ġoti ta' appoġġ sostantiv u loġistiku lill-Kumitat 1540 u lill-Grupp ta' Esperti tiegħu, jiġi fdat bl-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu skont din id-Deċiżjoni.
- (9) Din id-Deċiżjoni hija gwidata mill-prinċipju li jsir l-aħjar użu mill-esperjenza miksuba permezz ta' azzjonijiet konġunti u deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). Hija tagħti prijorità lill-ħtiġijiet speċifiċi identifikati mill-Istati, u t-talbiet tagħhom, inkluż ir-rekwiżiti tal-kapaċità, u tipprovdi assistenza u bini tal-kapaċità permezz ta' approċċi mfassla apposta u mmexxija mid-domanda. Tinkoraġġixxi s-sjeda nazzjonali u reġjonali ta' attivitajiet appoġġati bil-ħsieb li jiġu żgurati s-sostenibbiltà fit-tul u ż-żamma tal-kapaċità istituzzjonali, kif ukoll il-komplementarjetà, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn l-UNODA, l-UE u atturi internazzjonali, reġjonali u subreġjonali rilevanti involuti fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). Din id-Deċiżjoni tiffoka fuq attivitajiet li wrew riżultati konkreti u li jistgħu jitkejlu, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-implimentazzjoni nazzjonali, it-titjib tal-mekkaniżmi ta' rappurtar u assistenza, is-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti u t-trawwim ta' impenn sostnut għall-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). Din id-Deċiżjoni ttejjeb il-kapaċità ta' rispons għall-opportunitajiet u l-isfidi preżentati mit-teknoloġiji emerġenti, l-avvanzi xjentifiċi u r-riskji ta' użu doppju li qed jevolvu, fil-kuntest tal-UNSCR 1540 (2004); u tiżgura l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fl-attivitajiet tal-proġett u tippromwovi l-parteċipazzjoni u t-tmexxija min-nisa f'attivitajiet u djalogi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

- (10) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata f'konformità mal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv konkluż mill-Kummissjoni man-NU dwar l-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni għal programmi jew proġetti amministrati min-NU,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tappoġġa l-attivitajiet li ġejjin li jikkorrispondu għal miżuri stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva:

- (a) sessjonijiet ta' workshops u taħriġ tematiċi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal mhux aktar minn ħames talbiet għal assistenza mill-Istati;
- (b) taħriġ għall-Punti ta' Kuntatt Reġjonali;
- (c) eżerċizzju ta' simulazzjoni prattiċi jew eżerċizzju ta' diskussjoni simulata;
- (d) appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u l-ġhoti ta' appoġġ imfassal apposta;
- (e) ġenerazzjoni u disseminazzjoni tal-għarfien.

Deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Ir-“Rappreżentant Għoli”) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun fdata lill-UNODA. Huwa għandu jwettaq dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-UNODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 1 999 934,66.
2. L-infiq ifffinanzjat mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim meħtieġ mal-UNODA. Il-ftehim għandu jistipula li l-UNODA għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tal-kontribuzzjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hliitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-UNODA. Dawk ir-rapporti għandhom jiformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż sa dik id-data.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

...

